**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Gunju, 2001

**Numru 19**

**Avviz. numru 83/01JR**

**Edwin Schembri ezercenti l-kummerc bl-isem EPS Wood Products**

**vs**

**Armstrong Limited u degriet tal-5 t'April, 2001, isem il-konvenut ghandu jinkiteb bhala Arm Strong Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Frar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija tmienja u tmenin lira Maltija (Lm188.00), rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' l-injam mahdum fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta u konsenjat lill-istess socjeta` (kif jirrizulta mill-**

**annessa fattura immarkata bhala Dok.EPS1) stante illi minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-1 ta' Marzu, 2001, fejn intqal illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi x-xogholijiet in kwistjoni ma kienux skond l-arti u s-sengha u lanqas tal-kwalita` patwita tant illi kkawza danni lill-istess socjeta` konvenuta;**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.**

**Ra l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fejn tablet li s-socjeta` attrici thallas lis-socjeta` konvenuta s-somma ta' mija u disgha liri Maltin u tlettax-il centezmu (Lm109.13) rapprezentanti danni minnha sofferti minhabba xogholijiet mhux esegwiti skond l-arti u s-sengha da parti tal-konvenut;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tac-cedola ta' depozitu u tad-depozitu ta' l-oggetti in kwistjoni u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata fis-27 ta' Marzu, 2001, fejn intqal illi t-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnhu li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha;**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta ma sofrietx danni;**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Edwin Schembri, Josef Muscat u Joe Psaila. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi dan il-kaz jirrigwarda talba ghall-hlas ta' xoghol ta' injam ta' bibien, li s-socjeta` konvenuta allegatament qed tghid li sar hazin. Hemm ukoll kontro-talba ghad-danni sofferti minhabba x-xoghol hazin.**
2. **Mill-provi jirrizulta li meta twahhlet l-fuljetta kienu baqghu jidrhu l-gazzetti ta' taht. Jirrizulta ukoll li ma kienx sar tqabbil sew ghall dak li huma kuluri. Dana jirrizulta bic-car mir-ritratti.**

3. **Ghall-attur ix-xoghol jghaddi kif inhu. Josef Muscat qajjem l-ilment meta x-xoghol kien qed jitghabba. Jidher li l-ilment principali qam minhabba il-gazzetti li kienu jidrhu.**
4. **Joe Psaila, impjegat tas-socjeta` konvenuta, xehed li dan kien xoghol mghaggel. Dana ikkonferma li huma ma rritornawx ix-xoghol lill-attur.**
5. **Mill-provi mismugha jirrizulta li x-xoghol ma kienx sufficjentement tajjeb, cioe` ma sarx skond is-sengha u l-arti, u konsegwentement it-talba attrici ghandha tigi michuda.**
6. **Is-socjeta` konvenuta da parti taghha kellha s-segwenti spejjez, wiehed u disghin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm91.13), skond id-Dok.JP esebit, li kien il-hlas ghall-fuljetta. Ma ngiebetx prova dwar nefqa ta' materjal iehor. Ghalhekk il-kontro-talba qed tigi milqugha limitatament fl-ammont imsemmi.**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi t-tribunal qed jichad it-talba attrici u jilqa' il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta limitatament fl-ammont ta' wiehed u disghin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm91.13), u jikkundanna lill-attur ihallas lis-socjeta` konvenuta s-somma imsemmija ta' wiehed u disghin lira Maltija u tlettax-il**

**centezmu (Lm91.13), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, tat-talba u tal-kontro-talba, komprizi dawk tac-cedola ta' depozitu u tad-depozitu ta' l-oggetti in kwistjoni ghandhom jigu sopportati interament mill-attur skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**